Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 462 ĠUNJU 2015

## INFAKKRU T-8 ANNIVERSARJU MILL- KANONIZZAZZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA

LI SARET MILL-PAPA BENEDITTU XVI IL-ĦADD 3 TA' ĠUNJU 2007

Nitolbu għas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) u għall-Katekisti kollha tad-Djoċesi.

---

## SOLENNITÀ TAL-QALB TA' ĠESÙ
## JUM DINJI TA' TALB GĦALL-QDUSIJA TAS-SAĊERDOTI
## IL-ĠIMGĦA, 12 TA' ĠUNJU 2015

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju taħbat is-Solennità Liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. F'din il-ġurnata fil-Parroċċi kollha u f'diversi knejjes oħra ssir ġurnata ta' Talb u Adorazzjoni Ewkaristika Solenni għall-Qdusija tas-Saċerdoti.

Fil-Parroċċa tal-Fontana ssir Siegħa Adorazzjoni fil-5.00 pm. mis-Saċerdoti għall-Qdusija tas-Saċerdoti stess, mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex.

F'ittra lill-Kleru tad-dinja l-Kardinal Mauro Piacenza, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Kleru, kiteb lis-sacerdoti kollha tad-dinja fejn eżortahom illi *"Id-dinja tal-lum mifnija b'tant weġgħat u firdiet għandha bżonn lil Alla u l-Knisja għandha d-dmir li tipproklamah. Biex tkun tista' taqdi dan id-dmir, il-Knisja trid tkun ħaġa waħda ma' Ġesù u ma titbiegħed qatt minnu. Hija għandha bżonn ta' Qaddisin li jgħammru fil-qalb ta' Ġesù u li jkunu xhieda ferrieħa ta' Alla Trinitarju. Biex ikunu jistgħu jaqdu lill-Knisja u lid-dinja, is-saċerdoti jridu jkunu qaddisin".*

Nitolbu lil dawk kollha li għandhom ir-responsabiltà tal-Għaqdiet, Gruppi Ekkleżjali u Movimenti Kattoliċi biex f'dan il-jum iħeġġu lill-membri tagħhom lajċi biex jitolbu għall-Qdusija tas-Saċerdoti kollha.

---

## Jum IS-SEJĦA TAL-MADONNA TA' PINU lil Karmni Grima
## IT-TNEJN, 22 TA' ĠUNJU 2015

Nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2015 jaħbat il-132 Anniversarju ta' meta f'TA' PINU nstema' l-Leħen ta' Marija, Omm Ġesù u Ommna jsejħilna « Ejja, Ejja » permezz ta' Karmni Grima biex nagħtu lilna nfusna u nersqu lejn dan il-Maqdes Qaddis biex nitolbu. Żgur li l-Għawdxin flimkien ma' ħafna minn ħutna Maltin jersqu f'dan il-Jum jitolbu f'dan is-Santwarju għażiż.
Fost il-funzjonijiet li jsiru f'Ta' Pinu f'dan il-jum, fid-9.00a.m ikun hemm Pontifikal Solenni mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex li jiġi mxandar minn Radju Marija. Fl-10.10a.m tingħad is-Supplika tal-Madonna mill-istess Santwarju, mxandra mill-R.T.K. u minn Radju Marija u mis-1.00 sal-4.30p.m adorazzjoni.

Quddies fil-5.00p.m u fit-8.00pm.Fid-9.00pm.purċissjoni u Rużarju mill-Isqof Mario Grech.

**Araw programm ta' dan il-jum maħruġ apposta. Inħeġġu lil kulħadd biex dan il-jum ngħożżuh u nqaddsuh**.

ĠUNJU 2015

# KALENDARJU PASTORALI

Numru 462

| | |
|---|---|
| 1. It-Tnejn | San Ġustinu martri. (Tifkira O) / Seminar għas-Saċerdoti dwar l-Omelija (Seminarju - 4.30pm). |
| 2. It-Tlieta | Preparazzjoni MTŻ San Ġorġ u Katidral fis- 6.30pm / Seminar għas-Saċerdoti dwar l-Omelija (Seminarju - 4.30pm). |
| 3. L-Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal- Kappillani.<br>It-Tmin Anniversarju mill- Kanonizzazjoni ta' San Ġorġ Preca (3/06/2007).<br>Il-5 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 4. Il-Ħamis | MTŻ Malta fis-7.15pm.<br>Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-Vokazzjonijiet fil-Kappella tas-Seminarju mis-6.30am. sal-10.00pm. Laqgħa "Grupp Talb Dun Mikiel Attard" Seminarju mis-7.00pm sat-8.00pm. |
| 5.Ġimgħa | San Bonifaċju, Isqof u Matri. Tifkira (O).<br>**L-ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. / Laqgħa għall-Persuni Separati (KDF-Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawlu II fit-7.45pm. / Quddiesa għall-Professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.30pm. (nofs siegħa qabel ikun hemm il-qrar). / Adorazzjoni għall-Koppji Għarajjes u miżżewġin fl-Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II mit-8.30pm.-9.30pm. |
| 6. Is-Sibt | L-ewwel Sibt tax-xahar. / Ċenaklu A.K. Dar Ċentrali Victoria, 5.00pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Parroċċa tal-Katidral, Victoria fit-8.30pm. |
| **7. Il-Ħadd** | **Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej**. / Is-Sette Giugno (Festa Nazzjonali).<br>**Festa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur (Parroċċa Għasri).** |
| 9. It-Tlieta | San Efrem, djaknu u duttur tal-Knisja. Tifkira. / Preparazzjoni MFF 4 fis-6.15pm. |
| 10. L-Erbgħa | Is-6 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 11. Il-Ħamis | San Barnaba, Appostlu. Tifkira (O). / Preparazzjoni MTŻ 2 fis-6.15pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Parroċċa tal-Fontana, Victoria fit-8.30pm. |
| 12. Il-Ġimgħa | **Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Solennità.** / Jum Dinji kontra x-xogħol tat-tfal (ĠM).<br>Jum ta' Talb għall-Qdusija tas-saċerdoti. Adorazzjoni għas-saċerdoti (Fontana fil-5.00pm.). |
| 13. Is-Sibt | Qalb bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira (O).<br>Sant'Antnin ta' Padova, Persbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira .<br>It-2 Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Adorazzjoni6.00pm fis-7.00pm Quddiesa u Pellegrinaġġ ta' Talb.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Nadur fit- 8.30pm. |
| **14. Il-Ħadd** | **Il-Ħdax- il Ħadd tas-sena B. / Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm (ĠM).**<br>**Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Parroċċa Fontana /Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, Nadur.** |
| 17. L-Erbgħa | Laqgħa KDF fis-7.00pm. / Preparazzjoni MFF 3 fit-8.30pm.<br>Is-7 Erbgħa Santa Marija. |
| 18. Il-Ħamis | MTŻ Malta fis-7.15pm. |
| 19. Il-Ġimgħa | Laqgħa għal Persuni Separati (KDF. -Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawl II Victoria - 8.00pm). |
| 20. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Ħamet fit- 8.30pm. |
| **21. Il-Ħadd** | **It-Tnax il-Hadd tas-Sena B. / Jum il-Missier.**<br>**Festa ta' San Ġwann Battista (Parroċċa Xewkija).** |
| 22. It-Tnejn | Tifkira tal-132 Anniversarju tas-sejħa tal-Madonna TA' PINU lil Karmni Grima. Festa fis-Santwarju Ta' Pinu. |
| 23. It-Tlieta | San Ġużepp Cafasso.Tifkira. |
| 24. L-Erbgħa | It-twelid ta' San Ġwann Battista. Solennità.<br>It-8 Erbgħa Santa Marija. |
| 26. Il-Ġimgħa | Jum Internazzjonali kontra d-Droga (ĠM).<br>Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra ż-żwieġ (Istitut tal-Familja Ġwann Pawlu II - 8.00pm.) |
| 27. Is-Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' San Lawrenz fis-7.00 pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria 8.30pm. |
| **28. Il-Ħadd** | **It-Tlettax- il Ħadd tas-Sena B.**<br>Vġili ta' San Pietru u San Pawl, Appostli. |
| 29. It-Tnejn | **San Pietru u San Pawl, Appostli. Solennità. Festa ta' San Pietru u San Pawl (Parroċċa Nadur).**<br>Korsijiet Skola ta' Formazzjoni dwar il-Familja sal-11 ta' Lulju- Kummissjoni Djoċesana Familja. |
| 30. It-Tlieta | L-Ewwel Martri ta' Ruma.Tifkira. |